**Suġġett**

L-annullament parzjali tad-deċiżjoni li tiffissa l-anzjanità fil-grad tar-rikorrent għas-16 ta' Novembru 2011 meta nhatar f'pożizzjoni tal-grupp ta' funzjonijiet ta' amministraturi wara li kien ġie ċċertifikat.

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla l-parti tad-deċiżjoni tat-23 ta' Jannar 2012 li temenda l-anzjanità fil-grad tar-rikorrent u li tiffissha għas-16 ta' Novembru 2011 minflok l-1 ta' Jannar 2011;

— tikkundanna lis-SEAE għall-ispejjeż.

---

**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Diċembru 2012 — ZZ vs Il-Kumitat tar-Reġjuni**

**(Kawża F-156/12)**

(2013/C 71/55)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* ZZ (rappreżentant: L. Levi, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea

**Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjoni li tirrifjuta l-għoti ta' kumpens għad-danni minħabba aġir ħażin tal-Kumitat tar-Reġjuni u t-talba ta' kumpens għad-danni materjali u morali.

**Talbiet tar-rikorrent**

— jannulla d-Deċiżjoni tas-17 ta' Frar 2012 li tiċħad t-talba tiegħu tad-19 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' danni minħabba aġir ħażin tal-Kumitat tar-Reġjuni;

— jannulla, sa fejn huwa neċessarju, id-deċiżjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-10 ta' Settembru 2012, innotifikata l-istess jum permezz ta' posta elettronika u fit-12 ta' Settembru 2012 permezz ta' ittra rreġistrata b'riċevuta, li tiċħad it-talba tar-rikorrent;

— jikkundanna lill-Kumitat tar-Reġjuni għall-ħlas ta' allowance ta' EUR 354 000 bħala kumpens għad-danni materjali, dawn l-ammonti kienu ġew stabbiliti provizzorjament, u ta' EUR 100 000 bħala kumpens għad-danni morali li ġarrab, dan l-ammont kien ġie stabbilit *ex aequo et bono*;

— tikkundanna lill-Kumitat tar-Reġjuni għall-ispejjeż.

---

**Rikors ippreżentat fil-21 ta' Diċembru 2012 — ZZ vs Il-Parlament**

**(Kawża F-157/12)**

(2013/C 71/56)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* ZZ (rappreżentanti: S. Rodrigues, A. Tymen, avukati)

*Konvenuta:* Il-Parlament Ewropew

**Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjoni li taħtar f'kariga ġdida lir-rikorrent u tad-deċiżjoni impliċita li tittermina, b'effett retroattiv, il-funzjonijiet tiegħu bħala konsulent tad-direttur ta' direttorat tal-Parlament Ewropew u talba għall-kumpens għad-dannu subit.

**Talbiet tar-rikorrent**

— tannulla d-deċiżjoni tal-20 ta' Ġunju 2012 li tiċħad l-ilment tiegħu mressaq kontra d-deċiżjoni dwar il-ħatra fil-kariga l-ġdida tal-20 ta' Marzu 2012;

— tannulla d-deċiżjoni tal-President tal-Parlament Ewropew, tal-20 ta' Marzu 2012, li tterminat, b'effet retroattiv mill-15 ta' Marzu 2012, il-funzjonijiet tar-rikorrent bħala konsulent tad-direttur u li ttrasferieh, f'din l-istess data, għal dipartiment ieħor bħala konsulent;

— tirrikonoxxi d-dannu li r-rikorrent soffra fuq diversi livelli (saħħa, dinjità, reputazzjoni professjonali, telf ta' opportunitajiet indaqs fl-evoluzzjoni tal-karriera professjonali tiegħu) minħabba imġiba li toħloq fastidju u amministrazzjoni żbaljata li seħħew mingħajr soluzzjoni b'mod kontinwu, mill-2009;

— tordna l-ħlas ta' kumpens għal dan id-dannu billi tagħti lir-rikorrent d-danni li jammontaw għal mhux iktar mill-valur ekwu ta' EUR 400 000;

— tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż kollha.